# ID-DAWL

APRIL 2023 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 64

**"Sidkom jgħid: Itolbu Lili; Jiena nisma' t-talb tagħkom."**



Il-Preżenza ta' Alla | O Maħbub Tiegħi | Laqgħa Interreliġjuża | Alla, Fejn Tinsab?

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# X'PJAĊIR HEMM MINGĦAJR ALLA

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

L-eżistenza u l-preżenza ta' Alla li Jista' Kollox f'ħajjitna hija skop bażiku u prinċipju ewlieni tal-Iżlam. L-essenza tat-tagħlim Iżlamiku hija li tifhem, ikollok twemmin sod u li tikseb qrubija ta' Alla l-Ħanin – il-Ħallieq u Sostenitur tad-Dinjiet u l-bnedmin kollha. It-twemmin fl-eżistenza ta' Alla huwa verità ovvja għal dawk li jemmnu u meta wieħed jaħseb fil-qosor fuq il-ħolqien tal-univers tagħna huwa biżżejjed biex jipprova din ir-realtà u l-verità ovvja. Ħajjietna m'għandhom l-ebda għan jekk dawn ikunu bla mħabba u bla preżenza ta' Alla. Hija, mingħajr ebda dubju, il-preżenza ta' Sidna li jagħmel il-ġranet u l-iljieli tagħna sikuri, prosperi u ferħanin. Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jispjega l-imħabba ta' Alla b'mod meraviljuż fil-versi li ġejjin:

X'pjaċir hemm fil-ħajja jekk Hu ma jinstabx
Ħajja bħal din hi misħuta jekk tkun 'il bogħod Minnu
L-għan kollu huwa li tara Wiċċu mill-isbaħ
Din hija l-Ġenna – li jinstab il-Maħbub familjari.

Hu jipprovdi għal kulħadd, il-Grazzja Tiegħu hija manifesta,
Fih biss tinsab il-faraġ tagħna; Hu waħdu hu għażiż għalina.
Mingħajru ma nistgħux ngħixu, il-bqija kollox hu invalidu,
Imbierek dan il-jum, Qaddis hu Dak li jżommni fil-ħarsa tiegħu.


## ID-DAWL

APRIL 2023 – Numru 64
Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**


## INDEX


The Presence of God 02
O my Beloved God 03
Interfaith event 04
The Fountain of life 05
God, Where Are You? 06



**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** Mohamed Reedi | Shutterstock
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# O MAĦBUB TIEGĦI!

O! Kemm hu ċar id-Dawl ta’ Alla,
Li Hu l-aqwa Sors ta’ kull dawl;
L-univers kollu qed isir mera li tirrifletti
Għall-għajnejn biex jipperċepixxuH.

O Maħbub tiegħi!
Kemm hu tal-għaġeb li
l-qawwa tiegħek tal-Ħolqien tintwera kullimkien;
Kull fejn inħares insib
li kull triq twassal għall-Preżenza Tiegħek.




Fir-raġġi tax-xemx
il-frugħ u l-mili tal-qawwa Tiegħek jixhdu;
Kull kewkba qed tirrifletti l-Glorja Tiegħek.

Ħadd ma jista’ jifhem
il-pjan aħħari tal-Ħolqien Tiegħek;
Min jista’ jħoll in-nisġa ta’ din il-ħaġa li tħawdek?

Hu s-seħer Tiegħek li hu l-essenza ta’ kull sbuħija
Kull fjura li toħroġ iż-żahar;
tissellef il-lewn tagħha
mill-meravilja tal-attributi Tiegħek.

(*Ruhani Khazain* V. 2, p. 52)

# IS-SAWM FIR-RELIĠJONIJIET

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Imsida, il-Parroċċa tal-Imsida u l-Komunità Marokkina f'Malta organizzaw laqgħa miftuħa dwar "Il-Kunċett tas-Sawm fir-Reliġjonijiet" sabiex nisperjenzaw u nifhmu l-kunċett tas-sawm f'reliġjonijiet differenti u li niċċelebraw is-sawm flimkien. Din il-laqgħa interreliġjuża ġiet organizzata nhar is-Sibt 25 ta' Marzu, f'Misraħ San Ġużepp l-Imsida.

Is-Sindku tal-Imsida, is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai, l-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President Emeritus ta' Malta, il-president tal-Komunità Marokkina s-Sinjura Dounia Borg Lakehal, l-Arċipriet Dun Mario Mifsud u l-President tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana f'Malta, l-Imam Laiq Ahmed Atif, taw diskorsi tagħhom. Wara d-diskorsi, il-mistednin ġew offruti ikel tradizzjonali. Dan l-avveniment kien eżempju mill-isbaħ ta' armonija interreliġjuża u interkulturali, aċċettazzjoni u rispett, li d-dinja tinsab fi bżonn kbir.










## IL-FUNTANA TAL-ĦAJJA

"Il-ġenna tagħna tinsab f'Alla tagħna. L-aqwa għaxqa tagħna tinsab f'Alla tagħna għaliex aħna rajnieH u sibna l-ġmiel kollu fiH. Din ir-rikkezza hi vallapena li tiġi akkwistata għalkemm wieħed jista' jitlef ħajtu biex jiksibha. Din il-ġawhra hi vallapena li tinxtara għalkemm wieħed jista' jintilef biex jiksibha. Inti, li int abbandunat! Iġri lejn din il-funtana u tara kif tissodisfak. Hija l-funtana tal-ħajja li tista' ssalvak. X'se nagħmel, u kif se nimpressjona l-qlub b'din l-aħbar tajba, u liema tanbur se ndoqq biex nagħti l-bxara li dan huwa Alla tagħna, ħalli n-nies ikunu jistgħu jisimgħu? Liema kura se napplika għal widnejn in-nies ħalli dawn ikunu jistgħu jisimgħu?"

(Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed[as], *Ruhani Khazain,* Vol. 19, p. 21-22)

# ALLA, FEJN TINSAB?

## AAMINA MALIK

Flimkien mal-familja tiegħi li kienet tgħix Londra, fl-Ingilterra, trabbejt fid-denominazzjoni tal-Iżlam Sunni – il-fergħa tal-maġġoranza tal-Musulmani fid-dinja kollha. Hekk kif qrobt lejn l-għoxrin, ġejt introdotta għall-fehmiet tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana. Iddeċidejt li nirriċerka waħdi, studjajt il-prinċipji tal-fergħa tiegħi, kif ukoll it-twemmin tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana – għal 3 snin twal studjajt ħafna, filwaqt li dort għal Alla Eżaltat biex jagħtini direzzjoni.

## Talba għad-direzzjoni

Fid-disperazzjoni tiegħi jiena tlabt lil Dak li Jwieġeb, u bħall-Wegħda Tiegħu fil-Koran li Jinsab Qrib, jiena fittixtu bi dwejjaq, b'diqa ta' qalb u bi ħtieġa istintiva. Ommi qaltli biex inlissen tip speċifiku ta' talb formali li jissejjaħ *Salatul Istikhara* – talba li tfittex direzzjoni meta tkun se tieħu deċiżjoni.



Mrs_ya | Shutterstock




## Ħolma li tħeġġeġ

Ħlomt ħolma, u f'din il-ħolma rajt lill-maħbub sid tagħna l-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, u kien qalb ħafna nies li dehru li kienu mitfugħa fl-aktar fosos fondi tal-Infern. Kienu suwed u maħruqa, filwaqt li hu kien qed jiddi.

Dawn in-nies kollha kienu qed ikantaw ripetutament, "Huwa mhuwiex il-Profeta." U hekk kif imxejt qalb din il-miġemgħa ta' nies, ersaqt lejn il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] u ħarist lejh.

Kif dawn in-nies kienu qed iċanfru lill-maħbub Profeta[sa] tagħna li deher tant twil u maestuż hija xi ħaġa li jiena ma stajtx nifhem. Li tarah jiddi bi bjuda li kważi tgħammex, b'tant dawl divin li kien ħiereġ mill-essri proprju tiegħu, il-mistoqsija li kienet fil-ponta ta' lsieni tnisslet minn xufftejja.

Jiena staqsejtu, "Inti l-Profeta?" u Huwa mejjel rasu 'l isfel. Biex inkun żgura, jiena erġajt staqsejt, "U l-messaġġier ta' Alla (Muħammad[sa])?", u Huwa tbissem. It-tbissima mbierka tiegħu wrietni l-fetħa magħrufa ta' bejn snienu, u għaraft li kien Huwa.

**Il-maħbub Profeta Muħammad[sa] tagħna ntwera lili u, għalkemm deher daqsxejn anzjan, kien b'saħħtu u sod.** Kif intbaħt li huwa kien il-Profeta[sa], jien għedtlu immedjatament li

kont naf fejn ser nieħdu, u ħadtu l-Moskea Baitul-Futuh f'Londra. Ħadtu direttament lejn l-uffiċċju tal-Kalif, il-Mexxej tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana Dinjija, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad (jalla Alla jkun l-ajjutant Tiegħu). Għedt lill-Kalif maħbub tagħna li kien hemm il-Profeta[sa] preżenti, u hu stqarr sempliċement li kien jaf x'għandu jagħmel. **Fi ftit minuti, il-Kalif tagħna kien fil-preżenza tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] u mingħajr eżitazzjoni, qabad id il-leminija tal-Profeta Muħammad[sa] u qiegħed ġbinu fuqha.** F'daqqa waħda, minn kullimkien bdew ġejjin in-nies u bdew ipoġġu jdejhom fuq spallejn il-Kalif, u għalkemm jien ma stajtx indur, jien ukoll ħassejt l-idejn fuq spallejja, u għaraft fil-qigħan ta' qalbi u ruħi li l-Komunità sħiħa globali kienet preżenti għall-bidu tal-patt tal-lealtà. Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien qed jagħti l-bidu tal-patt mal-komunità sħiħa, u fl-istat ta' xokk u disturb tiegħi, jiena ngħaqadt magħhom malajr billi ħadt idu x-xellugija f'tiegħi.

**Alla weġibni: Wara li seħħ il-patt, jiena qomt, u għaddew minuta jew tnejn qabel irrealizzajt li l-Ħallieq tas-smewwiet u tal-art, il-Mulej tad-dinjiet u s-Sid ta' Jum il-Ġudizzju, kien weġibni; u kien weġibni b'tant ċarezza li qalbi kienet mimlija sax-xifer b'xejn aktar ħlief Iżlam Ahmadiyya. Ma kien hemmx dubju.** Moħħi kien sodisfatt bir-riċerka li għamilt, iżda Alla l-Għoli mhux biss issodisfa lil qalbi bit-tweġiba Tiegħu għat-Talba li Tfittex Direzzjoni tiegħi, imma Huwa kien issodisfali wkoll lil ruħi.

## It-tisħib fil-Komunità Ahmadiyya

Jiena rrakkontajt kulma rajt lil ommi u lil ħuti, u ommi mill-ewwel indunat u fehmet li kienet ħolma ġenwina. Aktar tard, tul il-konvenzjoni annwali (*Jalsa Salana*) 2013, tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana fl-Ingilterra, ommi, ħuti u jien ingħaqadna mal-Komunità Ahmadiyya Musulmana.

**Kull meta kelli bżonnu, Alla wrieni li kien preżenti. Kien biss f'idejja li nieħu l-ħin biex ninduna, u nagħti kas tal-Gwida Tiegħu.**

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**